MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 72/2002/1

**Anthony Pandolfino ghan-nom ta' Pandy's Riding School Co. Ltd**

**vs**

**Joseph u Grace konjugi Borg ghan-nom ta' binthom minuri Sarah**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2002 fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sittin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm260.22) dovuta minnhom lill-istess attur liema ammont jirrapprezenta bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi gewwa l-istalel tal-attur nomine.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' Lm5 tal-ittra legali datata 28 ta' Novembru, 2001 u bl-imghaxijiet legali li jibdew**

**jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fl-4 ta' Frar, 2002 fejn intqal illi ma jezisti l-ebda nkarigu kontrattwali ;**
**Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost huwa kuntratt klawdikanti ;**
**Illi fil-meritu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Pandolfino, Grace Borg.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Din il-kawza qed issir ghall-ammont ta' mitejn u sittin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm260.22) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizzi resi lill-konvenuti gewwa l-istallel ta' l-attur nomine.**
**2. Il-konvenuti jghidu li ma jezisti ebda inkarigu kontrattwali u li huwa kuntratt klawdikanti.**
**3. Anthony Pandolfino propjetarju ta' Pandy's Riding School Co. Ltd spjega li hu jghallem *il-« horse riding »* u jaghti livery service taht dik li tigi *category 1,* cioe', fil-kaz tal-konvenuti li jzomm iz-ziemel biss. Hu qal li kien ftiehem bil-fomm mal-konvenuta dwar li jzomm iz-ziemel ta' bint il-konvenuta Sarah Borg.**
**4. It-Tribunal innota illi fir-rigward tas-servizzi rezi mill-attur nomine kien hareg cheque f'isem il-konvenuta u wkoll f'isem Exotique u l-ahhar hlas sar fit-2 ta' Marzu, 2001. Il-bilanc mitlub jirrigwarda l-ammont dovut sa l-ahhar ta' Settembru, 2001 u dana skond id-Dok A prezentat fl-avviz.**
**5. Il-konvenuta taqbel illi z-ziemel ta' Sarah Borg inzamm mill-attur nomine u taqbel li kienet teffettwa l-pagamenti. Pero' skond Borg il-ftehim kien li l-attur jitma' wkoll liz-ziemel. Jirrizulta li ma kien hemm xejn bil-miktub u l-ftehim kien bil-fomm.**
**6. Il-konvenuta tghid li m'ghandhiex thallas kera lill-attur nomine peress li l-attur qed jokkupa l-istallel**

**minghajr dritt. Dwar dan ma ngiebet l-ebda prova konkreta u fin-nuqqas it-Tribunal ma jistax hlief iqis dak li qed tghid il-konvenuta bhala allegazzjoni mhux pruvata u xejn aktar.**

**7. Jirrizulta ghalhekk li kien hemm ftehim ma' l-attur dwar iz-ziemel. Hemm versjonijiet konfliggenti dwar x'kien il-ftehim, cioe' kienx jinkludi li l-attur jitma' z-ziemel ukoll. Jekk wiehed jara d-Dok A esebit jirrizulta illi s-servizz provdut mill-attur nomine kien jirrigwarda biss *livery service* u f'dan hemm inkluzi kontijiet ta' ilma u elettriku, li fir-rigward jidher li fi zmien minnhom jidher li kien hemm qbil. Il-fatt illi l-konvenuta effettwat pagamenti ghas-servizz jindika li fil-fatt kien hemm ftehim maghha anke jekk bil-fomm. Ghalhekk ma jistax jinghad li ma kienx hemm relazzjoni kontrattwali mal-konvenuta, u konsegwentement jirrizulta li l-ammont fil-fatt huwa dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sittin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm260.22). Bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Jannar, 2002.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------